14 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Mary Said

**Korruzzjoni ta' Minorenni — Kwerela — Rinunzja — Estinzjoni tal-Azzjoni Penali — Art. 217 (3) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta l-fatti dedotti fl-att ta' l-akkuża bħala kostitwenti reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jammontaw ukoll għal reat taħt il-Kap. 102 (dwar il-Qirda ta' Kummerċ fil-Prostituzzjoni), ir-rinunzja għall-kwerela da parti tal-parti offiża mhix operattiva biex tipproduċi estinzjoni ta' l-azzjoni; għax ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, li normalment hu persegwibbli ad istanza privata, ikun akkompanjat minn reat ieħor li hu persegwibbli "ex officio".*

Il-Qorti; — Rat in-nota tal-akkużata, li biha ssollevat l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni stante rinunzja għall-kwerela, limitatament għall-ewwel u t-tieni kap;

Rat in-nota tal-Attorney General, li biha kkontesta l-eċċezzjoni fuq il-motiv li reat dedott f'dawk il-kapi hu wkoll persegwibbli "ex officio";

Rat id-digriet ta' din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, li bih il-kwistjoni ġiet deferita għad-deċiżjoni minn dina l-Qorti kolleġjalment komposta;

Semgħet id-Difiża u l-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti dedotti fl-att tal-akkuża, fil-kapi fuq imsemmija, jammontaw ukoll għar-reat taħt il-Kap. 102, ċjoè li l-akkużata qegħedha żżomm dar għal skopijiet ta' prostituzzjoni; għaliex f'dawk il-fatti hija kompriża l-frekwenza, fid-dar tal-akkużata, ta' rġiel biex ikollhom x'jaqsmu magħha bi ħlas ta' flus;

Illi dan ir-reat hu persegwibbli "ex officio", u jinteressa l-ordni publiku;

Illi għalhekk hemm implikat fl-att ta' l-akkuża reat ieħor li jinteressa l-ordni publiku, u kwindi hemm lok għall-applikazzjoni tat-tieni proviso tas-subartikolu (3) tal-art. 217, Kap. 12. Dan jirriferixxi għall-proviso tal-art. 538, li jirrendi persegwibbli "ex officio" reat normalment persegwibbli bi kwerela privata, meta jkun akkompanjat minn reat li jinteressa l-ordni publiku (ara, b'analoġija, Kollez. Vol. XXX-IV-522; Vol. XXXI-IV-367; u Vol. XXXVI-IV-747);

Illi, konsegwentement, ir-rinunzja hi inoperattiva; għaliex b'daqshekk ir-reati msemmijin fl-ewwel u fit-tieni kap isiru persegwibbli "ex officio";

Illi għalhekk ma hemmx bżonn li l-Qorti tattarda ruħha fuq punti oħra sollevati fit-trattazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni, peress li r-rinunzja hi inoperattiva; u tirrimetti l-proċess lill-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, għall-kontinwazzjoni.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni tar-Raba' Parti tal-Volum XXXIX.**

---